26 ta' Jannar, 1948.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Carmelo Debono

**Liċenza — Teatru — "Talkies" — Appell — Kwistjoni ta' Dritt — Govt. Notice 430 ta' l-1937.**

*It-titolar ta' liċenza ta' teatru għandu responsabilità, li hija inerenti fih mill-fatt stess tal-pussess tal-liċenza, għall-osservanza rigoruża tar-Regolamenti li jirrigwardaw id-dħul ta' tfal ta' ċerta età għal spettakoli fejn jiġu eżibiti pellikoli li ċ-ċensuri jkunu għaddewhom biss bħala mhux tajbin għal dawk it-tfal.*

*Il-fatt li t-titolar tal-liċenza jkun għamel dmiru kollu biex ma jidħlux tfal biex jaraw pellikoli li ma jistgħux jaraw skond il-fehma taċ-ċensuri ma hux skriminanti għalih jekk għal spettakolu simili tidħol anki tifla waħda biss, avvolja għal dak l-ispettakolu jkun daħal uditorju affollat.*

*Jekk il-Maġistrat ikun illibera lit-titolar tal-liċenza għax ikun żamm li f'ċirkustanzi simili huwa mhux ħati ta' ksur tar-Regolamenti, hemm kwistjoni ta' dritt li tagħti lok għall-appell minn dik is-sentenza da parti tal-Prosekuzzjoni.*

Fuq l-imputazzjoni illi, bħala "licencee" tal-Gaiety Theatre, Sliema, fid-19 ta' Novembru 1947, kiser in-Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 430 ta' l-1937, billi ppermetta lil Antonia Church, tifla ta' għaxar snin, li tidħol tara pellikola (film) fl-istess teatru, meta din il-pellikola, "Carnival in Costa Rica", ġiet dikjarata miċ-ċensuri bħala li ma tgħoddx għat-tfal, l-imsemmi Debono, b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Magistrati ta' Malta ġie misjub mhux ħati u liberat;

Kontra din is-sentenza sar appell mill-Attorney General;

Trattat l-appell, din il-Qorti kkunsidrat;

Id-difensur ta' l-appellant oppona l-eċċezzjoni ta' l-inammissibilità ta' l-appell, għaliex il-kwistjoni, kif taraha d-difiża, hija purament waħda ta' fatt;

Din l-eċċezzjoni ma hix bażata. Il-Maġistrat illibera fuq il-motiv illi, għalkemm kien hemm mijiet ta' nies f'dak l-ispettakolu, kien hemm biss dina Church taħt l-età, u illi l-imputat għamel dmiru kollu sabiex ma jidħlux tfal. Minn dan jidher illi, skond l-Ewwel Qorti, il-fatt li jkun hemm persuna waħda biss taħt l-età fost uditorju affollat, u l-fatt li l-"licencee" jkun għamel dmiru kollu, hu biżżejjed bħala skriminanti. Issa appuntu l-Prosekuzzjoni qiegħda tattakka bħala żbaljata din l-enunċjazzjoni ta' l-ipotesi tal-liġi; u għalhekk hemm lok għall-appell, li b'hekk jiġi li hu fuq pont ta' dritt;

Dwar il-fatti ma hemmx kuntrast. Il-film kienet miċċensuri dikjarata bħala ma tgħoddx għat-tfal (for adults only). Fost l-ispettatur fil-ġurnata fil-kwistjoni kien hemm din Antonia Church, li tagħlaq ħdax-il sena fi Frar li ġej. Ix-"show" kienet dik tas-sebgħa nieqes kwart ta' fil-għaxija;

Issa, skond ir-Regolamenti Govt. Notice 430 ta' l-1937, il-"licencee" huwa "responsible for the strict observance of these Regulations". Dan ifisser illi min hu t-titolari tal-liċenza għandu responsabilità, li hija inerenti fih, mill-fatt stess tal-pussess tal-liċenza. Dina r-responsabilità, kif ġie kemm il-darba ritenut minn dawn il-Qrati, hija personali, u tibqa' fih sakemm hu jibqa' fil-pussess tal-liċenza, bla ma huwa jista' jixħetha fuq ħadd ieħor minnu inkarikat. Ix-xjenza penali rrikonoxxiet il-ġustizzja u l-espedjenza ta' responsabilità simili, b'ex jiġi evitata dik l-evażjoni tal-liġi li

ntur kontinentali sejjah "il palleggiarsi della responsabili-.". Xejn ma hemm ingrat f'daqshekk, ghaliex min jitlob jiehu l-licenza jaf x'inhuma l-oneri li l-ligi tghabbih bihom, l-waqt li hu jgawdi l-benefici tal-licenza; u hu dejjem libe-u jirlaq il-licenza jekk jidhirlu li l-pozizzjoni tieghu hija izzejjed gravuza. Hu anki dmiru li jalleggerixxi kemm jista' in ir-responsabilità biili jkun ferm stringenti fil-prekawzjonijiet li jiehu;

Ghalhekk l-Magistrat enuncja l-ipotesi tal-ligi skorretta-ment; ghaliex il-fatt li kien hemm tifla wahda xejn ma jfis-sir; anki in bazi ghar-rifless li anki l-iskandlu ghal tifla wah-a ghandu jigi evitat. Jekk imbaghad b'dak il-konsiderando Magistrat ried ifisser li bil-fors l-imputat wera diligenza la arba dahlet tifla wahda biss, l-istess hemm enuncjazzjoni azina ta' l-istat tal-ligi, ghaliex ir-responsabilità ma hix ba-ta fuq l-uzu jew le ta' diligenza, imma fuq il-fatt tal-per-manenza tal-licenza f'isem l-imputat. Dan apparti c-cirku-stanza li l-folla ma kienetx eccezzjonali u t-tifla dahlet aper-tament;

L-appell ghalhekk hu milqugh, u l-imputat hu dikjarat ati; u l-Qorti, wara li rat in-Notifikazzjoni fuq imsemmija l-art. 313-314 Kap. 13, u art. 7 Kap. 12, tikkundannah hall-piena ta' l-ammenda ta' £1;

In vista tac-cirkustanzi tal-kaz però, u wara li rat l-art. , tordna li din il-kundanna ma tigix imnizzla fil-"conduct heet" ta' l-appellat.

---